MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 88/2003

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh Hal Ghaxaq fil-15 ta’ Mejju 2003 bejn  Toyota Tercel nru DNA 762 misjuqa mill-attrici u vettura (bowser) nru CBI 837 misjuqa mill-konvenut u kundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta’ danni, Lm358.26c lill-Untours Insurance Agents Ltd. Noe u Lm 58 lil Diana Caruana.

Bl-ispejjes komprizi Lm 11.50c ta’ konsult u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Nota ta’ L-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Cremona.

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn-naha tal-atturi kif ukoll minhabba l-fatt illi l-atturi naqsu milli jzomm *a proper lookout* u ghaldaqstant l-istess atturi huwa unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-atturi huwa wiehed esagerat

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom atturi tinsabu msejjha"

Ha konjizzjoni tal-provi processwali

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li l-assikurata tas-socjeta' attrici kienet qieghdha ddur mar-roundabout fi Triq Ghar Dalam, Hal Ghaxaq meta giet sorpassata minn fuel bowser misjuq mill-konvenut. Ghalhekk l-assikurata waqfet biex tevita l-habta, il-konvenut xorta wahda baqa' jikser mar-roundabout b'mod li habat mal-vettura tal-assikurata kif jidher mill-iskizz a fol 24a.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li l-incident sehh unikament tort tal-imperizja u traskuragni tal-konvenut, li ma tax kaz anzi kif ammetta huwa stess m alemahx il-vettura misjuqa mill-assikurata huwa u jaghmel manuvra perikoluza ta' dawrien b'vettura gganteska fit-triq.

*Il-quantum* tad-danni jirrizulta sodisfacentement ippruvat u l-anqas ma gie kkontestat waqt is-smiegh tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm358.26 lil Untours Insurance Agents Limited nominee u

Lm 58 lil Diana Caruana bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' konsult u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------